MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 199/2010

**Bowood Constructions Ltd (C-14798)**

***kontra***

**Greta Bugeja, Christopher Gatt, Business Systems Limited (C8583), BSL Lifestyles Limited (C-30430), John Abela, u ghal kull interess li jista` jkollha f`dan il-gudizzju s-socjeta` Woodline Limited (C-15003)**

**Il-Qorti :**

**Dan huwa provvediment dwar rikors li pprezentat il-konvenuta Greta Bugeja fl-14 ta` Marzu 2014 (fol 1451) fejn talbet li tixhed limitatament dwar punti partikolari li tressqu mis-socjeta` attrici fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha (fol 1366 et seq).**

## I. Preliminari

Illi l-gheluq tal-provi kien dikjarat mill-konvenuti kollha fl-udjenza tal-31 ta` Ottubru 2013 (fol 1349) waqt li s-socjeta` attrici ghalqet il-provi taghha permezz ta` nota li pprezentat fil-11 ta` Novembru 2013 (fol 1364).

Illi l-intiza bejn il-partijiet kienet illi t-trattazzjoni finali tal-kawza ssir permezz ta` noti ta` osservazzjonijiet.

Illi s-socjeta` attrici pprezentat in-nota taghha fl-udjenza tat-30 ta` Jannar 2014 (fol 1366 sa fol 1449).

Illi d-difensuri tal-konvenuti hadu kopja tan-nota ta` osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici fl-istess udjenza (fol 1365).

Illi fl-14 ta` Marzu 2014 il-konvenuta Greta Bugeja pprezentat ir-rikors taghha tal-lum (fol 1451).

Illi b`digriet taghha tas-17 ta` Marzu 2014 (fol 1451), il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti bi dritt li jwiegeb bil-miktub sa zmien sebat ijiem min-notifika tar-rikors.

Illi s-socjeta` attrici wiegbet bil-miktub ghar-rikors fis-27 ta` Marzu 2014 (fol 1455 sa fol 1457).

Illi b`digriet taghha tal-10 ta` April 2014 (fol 1458) il-Qorti rriservat li tipprovdi finalment wara li tisma` lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-24 ta` April 2014.

Illi d-difensuri tas-socjeta` attrici u tal-konvenuta Greta Bugeja ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom fl-udjenza tal-24 ta` April 2014 (fol 1460).

Illi b`digriet moghti fl-istess udjenza, il-kawza thalliet ghal-lum sabiex tipprovdi dwar ir-rikors tal-konvenuta Greta Bugeja tal-14 ta` Marzu 2014.

## II. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Illi l-konvenuta Greta Bugeja qeghda titlob li tinghata l-opportunita` illi tixhed f`dan l-istadju tal-kawza sabiex twiegeb ghal *addebiti ta` fatt* (espressjoni wzata mill-istess konvenuta) li huma kontenuti fil-paragrafi 2.4.1.2 ; 2.4.1.3 ; u 2.4.1.4 tan-nota ta` osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici (fol 1378 sa fol 1381).

Illi l-Qorti qrat dawn it-tliet paragrafi. Fis-sostanza, bit-tliet brani, is-socjeta` attrici qeghda tirreferi ghal dak li xehdu Samuel Attard (ta` Dots Limited) u Jesmond

Chetcuti (ta` Keyland Limited) dwar it-trasferiment ta` maisonette fil-Mellieha li fl-att finali sar a favur tal-konvenuta Greta Bugeja de proprio minflok a favur ta` BSL Lifestyles. Skond is-socjeta` attrici, l-att finali huwa prova ta` kummerc bi frodi minn Greta Bugeja de proprio ghad-detriment ta` Woodline Limited. Hekk qeghda tghid is-socjeta` attrici.

Illi skond Greta Bugeja, dak li s-socjeta` attrici fehmet li sar b`dak il-kuntratt wassal lis-socjeta` attrici biex taghmel il-konkluzjonijiet 4.5 ; 4.5.1 ; 4.5.3 ; 4.5.6 ; u 4.5.10.

Illi l-Qorti qrat dawn il-konkluzjonijiet. Abbazi tas-sinjifikat probatorju illi s-socjeta` attrici qeghda taghti lil dak il-kuntratt partikolari, is-socjeta` attrici tikkonkludi li dak il-kuntratt u t-trasferiment kif sar huwa prova ta` arrikkiment personali da parti ta` Greta Bugeja a skapitu ta` kumpanniji li taghhom kienet direttrici u li kienu fi stat ta` insolvenza. Fil-konkluzjonijiet, is-socjeta` attrici tattakka l-kredibilita` ta` Greta Bugeja.

Illi bir-rikors taghha in kwistjoni, il-konvenuta Greta Bugeja qeghda titlob biex terga` tixhed (u tressaq dokumenti) f`dan l-istadju tal-kawza sabiex twarrab minn mohh kulhadd kull dubju illi hija setghet bil-kuntratt in kwistjoni kkommettiet kummerc bi frodi.

Illi fir-rikors taghha, il-konvenuta Greta Bugeja ghamlet sforz notevoli biex tiggustifika t-talba taghha.

Illi l-Qorti hasbet fit-tul dwar ir-raguni li gabet il-konvenuta Greta Bugeja biex tinghata l-opportunita` li tiddeponi f`dan l-istadju tal-kawza u tghid hekk :-

1) Minn esami tal-atti jirrizulta li l-konvenuta tressqet bhala xhud mis-socjeta` attrici stess u ddeponiet fit-tul dwar materji direttament jew indirettament relatati mal-pretensjoni li s-socjeta` attrici qeghda tressaq fil-konfront taghha u tal-konvenuti l-ohra.

2) Samuel Attard u Jesmond Chetcuti kienu wkoll persuni li x-xiehda taghhom kienet rikjesta mis-socjeta` attrici. Dawn xehdu fl-udjenza tal-5 ta` Ottubru 2010 u sar il-kontroezami taghhom.

3) Fl-istadju tal-provi taghha, Greta Bugeja bhala konvenuta kellha l-opportunita` kollha li tirribatti ghall-pretensjoni tas-socjeta` attrici fil-konfront taghha kemm billi twiegeb ghal domandi diretti in kontroezami ghal dak li kienet mistoqsija mis-socjeta` attrici, kemm b`deposizzjoni in esami dwar fatti u cirkostanzi li dwarhom ma kenitx xehdet meta ttellghet bhala xhud mis-socjeta` attrici, kif ukoll billi tressaq persuni bhala xhieda taghha.

4) Ben nota l-posizzjoni li kienet qeghda tiehu s-socjeta` attrici, anke bid-deposizzjoni ta` Samuel Attard u Jesmond Chetcuti, il-konvenuta Greta Bugeja kellha c-cans kollu li tirribatti jew tikkjarifika anke dwar dak li qeghda titlob li taghmel f`dan l-istadju.

5) Jekk fid-deposizzjonijiet precedenti taghha, Greta Bugeja ma xehdet xejn dwar dak li qeghda titlob li tiddeponi dwaru llum, allura jfisser illi qeghda titlob li tressaq prova gdida. Jekk mill-banda l-ohra, Greta Bugeja qalet taghha dwar il-kuntratt in kwistjoni, u s-socjeta` attrici ghamlet l-osservazzjonijiet taghha fir-rigward billi ma tatx l-interpretazzjoni taghha ghall-akkadut izda ccitat hazin l-agir tal-istess konvenuta, allura l-Qorti fil-waqt opportun tghid taghha fir-rigward.

6) Ir-regola hi li una volta l-istadju tal-prova jkun maghluq, il-Qorti m`ghandhiex tawtorizza l-presentata ta` provi ohra jekk ma tkunx sodisfatta li dawk il-provi ma jippregudikawx jew ma jivvantaggjawx parti fil-konfront tal-ohra.

7) Il-kwistjoni hawn mhijiex il-harsien tal-principju tal-*audi alteram partem* ghaliex il-Qorti fil-kaz tal-lum hija sodisfatta li l-partijiet kollha minghajr eskluzjoni kellhom ic-cans kollu li jgibu l-provi li deherilhom tant li l-process ta` din il-kawza sal-lum diga` jlahhaq l-1460 pagna.

8) Dak li Greta Bugeja qeghda titlob bir-rikors taghha huwa li l-Qorti tqieghed fil-genb id-dikjarazzjoni taghha tal-gheluq tal-provi u issa li hadet konjizzjoni tan-nota ta` osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici terga` tiddeponi u tipprezenta dokumenti biex tirribatti xi sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici.

9) Fil-fehma tal-Qorti talba ta` din ix-xorta hekk kif dedotta ma tistax tkun akkolta. Jekk it-tesi ta` Greta Bugeja hija li kull ma xehdet hi dwar il-kuntratt de quo huwa s-sewwa u li dak li s-socjeta` attrici qeghda tifhem li gara huwa tifsira distorta tal-akkadut, allura dak jaqa` fl-apprezzament tal-assjem tal-provi li din il-Qorti ghad trid taghmel. Jekk it-tesi ta` Greta Bugeja hija li dwar il-kuntratt de quo ma xehdet xejn jew ftit, u wara li qieset dak li qalet is-socjeta` attrici allura ghandha tithalla tiddeponi u tipprezenta dokumenti, il-kwistjoni hija diversa ghal kollox u mhijiex l-intenzjoni ta` din il-Qorti li terga` tiftah il-provi mill-gdid anke jekk is-socjeta` attrici jkollha dritt ghal kontroezami.

10) Il-Qorti trid tghid li l-hsieb tal-legislatur bid-disposizzjonijiet tal-ligi tal-procedura qatt ma kien illi jippromwovi l-formalizmu u l-istrettezza a skapitu tal-gustizzja izda li jassikura li titwettaq l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja fil-limitu ta` ragonevolezza. B`dak li qeghda titlob il-konvenuta, hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li jekk tilqa` t-talba taghha tkun qeghda tagixxi b`mod irragonevoli u tqieghed fil-genb dawk ir-regoli li huma intizi biex il-gustizzja tkun amministrata tajjeb ghaliex tkun qeghda applikata ghal kulhadd bl-istess mod.

**Ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talba tal-konvenuta Greta Bugeja kif dedotta fir-rikors taghha tal-14 ta` Marzu 2014. L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.**

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------